# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1178/07/1 JRM**

**Carmela Buttigieg u b'digriet tas-17 ta' Lulju, 2014, l-atti għaddew f'isem Rita Zarb, Susan Testa u Sheila Borg minħabba l-mewt tal-attriċi Carmela Buttigieg fil-mori tal-kawża, Francis Cumbo, Grace Delia, Josianne Dimech u Mary Randich**

**v.**

**Carmen Agius**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-10 ta' Lulju 2017 li ċaħdet it-talbiet tagħhom sabiex testment jiġi dikjarat null minħabba nuqqas ta' rieda tat-testatur u li f'kull każ il-konvenuta mhijiex denja li tirċievi b'testment.

**Preliminari**

2. Il-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni huma s-segwenti:

2.1. L-atturi huma ħamsa minn sebat aħwa. It-tnejn l-oħra kienu tewmin jisimhom Anthony u Carmelo;

2.2. Anthony Cumbo, miet għażeb fl-20 ta' Jannar tas-sena 2006[1], fl-eta` ta' 45 sena[2]. It-tewmi tiegħu, Carmelo, miet ftit wara f'inċident stradali;

2.3. Wara li saru d-debiti riċerki rriżulta li b'testment li sar fil-15 ta' Jannar tas-sena 2001 fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza, Anthony Cumbo ħassar kull testment li kien għamel qabel dakinhar u ħalla lill-konvenuta bħala werrieta unika tiegħu,[3] ċioe` s-sieħba tiegħu mis-sena 1996 sa ma miet;

2.4. Fl-aħħar paragrafu tat-testment tniżżel ukoll is-segwenti:

> *"Dan it-testment ġie magħmul, moqri u ppubblikat wara li jien fissirt il-kontenut tiegħu skont il-liġi f' Malta, il-Belt Valletta, Old Bakery Street, numru mija u tmienja u disgħin (198), quddiem ix-xhieda Claire Azzopardi, xebba, Karta ta' l-identità Numru 539777(M), bint Michael Azzopardi, imwielda San Ġiljan u residenti Santa Venera u Raymond Desira, Assistant Principal, Karta ta' l-Identità numru 171168(M),*

[1] Fol. 5
[2] Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali a fol. 51 huwa twieled fid-9 ta' Diċembru 1961
[3] Fol. 6

> *iben Gerald Desira, imwieled Pietà u residenti Żejtun, li quddiem ix-xhieda it-Testatur jiddikjara illi ma jafx jikteb."*

3. Fit-12 ta' Novembru 2007 l-atturi fetħu l-kawża. Fir-rikors maħluf tagħhom allegaw li ħuhom Anthony Cumbo ġie mhedded u mġiegħel bil-qerq biex jagħmel dak it-testment. Skonthom dan huwa korraborat mill-fatt li ħuhom Anthony iddikjara li ma jafx jikteb meta dan ma kienx minnu. Talbu għalhekk lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara li Anthony Cumbo li miet fl-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) ġie mhedded u mġiegħel bil-qerq mill-konvenut biex jagħmel testment fil-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed (2001) fl-atti tan-Nutar Dr. Roberta Bisazza, u jħalli bħala eredi universali lill-intimata Carmen Agius*
>
> *2. Tiddikjara illi t-testment hawn fuq ċitat huwa null u bla effett minħabba nuqqas u/jew vizzju tal-volonta tat-testatur, kif ser jiġi ppruvat waqt il-kawża;*
>
> *3. Tiddikjara f' kull każ illi l-intimata m' hijiex dehen u kapaċi biex tirċievi b' testment l-eredità tal-mejjet Anthony Cumbo, a bażi tal-Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimata, inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, minn issa nġunta sabiex tidher in subizzjoni."*

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-2 ta' Ottubru 2008[4], il-konvenuta wieġbet: illi <u>in linea preliminari</u>, safejn jirrigwarda t-tielet talba attriċi, l-azzjoni ma tiswiex għaliex nieqsa minn dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża (Art. 156(1)(a) tal-Kap. 12) billi għalkemm f'dik it-talba jissemma l-Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili ma hemm l-ebda premessa fir-rikors maħluf li tintrabat ma' kawżali maħsuba f'dak

[4] Fol. 13

l-artikolu u wkoll għaliex l-azzjoni attriċi hija nulla billi qegħda tipproponi żewġ azzjonijiet li ma joqogħdux flimkien; u fil-mertu, it-testment ta' Anthony Cumbo sar sewwa u jgħodd u ma hemm l-ebda raġuni tajba fil-liġi għaliex hija għandha tinstab mhux denja li tiret lit-testatur. Finalment irriżervat kull azzjoni ta' danni fil-konfront tal-atturi minħabba l-allegazzjonijiet minnhom magħmulin fir-rigward tagħha

5. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Marzu 2010[5] l-Ewwel Qorti ma qisitx l-ewwel eċċezzjoni għaliex il-konvenuta rtiratha,[6] u ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjeż kontriha.

6. B'sentenza mogħtija fl-10 ta' Lulju 2017 l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-meritu u ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjeż tal-kawża, ħlief dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-23 ta' Marzu 2010.

7. Fil-31 ta' Lulju 2017 l-atturi appellaw mis-sentenza finali. Talbu lil din il-Qorti:

> *"tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti fl-10 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet premessi billi tilqa' it-talbiet tal-atturi u tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata bl-ispejjeż kontra l-istess."*

---

[5] Fol. 36 et seq.
[6] Fol. 19

8. Il-konvenuta wieġbet: illi <u>in linea preliminari</u> r-rikors tal-appell huwa null billi mhuwiex ċar min qed jappella u <u>fil-meritu</u> s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li, għalhekk, l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

9. Fl-ewwel lok se tiġi trattata l-preġudizzjali sollevata mill-appellata dwar l-allegata nullità tar-rikors tal-appell marbuta mal-fatt li fil-parti inizjali, fejn hemm imniżżel '*Rikors tal-Appell ta'', il-frażi tintemm bil-kelma '*et'* u dan bi ksur tal-Artikolu 44 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jrid iżda li jitniżżlu l-ismijiet kollha tal-persuni li qed jappellaw bid-dettalji tagħhom. Tisħaq li dan huwa neċessarju biex il-persuna appellata tkun taf min preċiżament qed jintavola r-rikors tal-appell.

10. Il-frażi inizjali tar-rikors tal-appell tgħid hekk:

> *"Rikors tal-Appell ta' Francis Cumbo (id 683847M), Josianne Dimech (id 172346M) u Mary Randich (id 352654M) et."*

11. L-atturi Rita Zarb, Susan Testa, Shiela Borg u Grace Delia ma ssemmewx b'isimhom.

12. L-Artikolu 144 tal-Kap. 12 jipprovdi li appell jista' jsir minn kull parti kontra l-partijiet l-oħra kollha jew kull wieħed minnhom u li fir-rikors tal-

appell l-appellant għandu jindika l-partijiet li kontra tagħhom l-appell ikun qiegħed isir. Jipprovdi mbagħad kif għandhom isiru n-notifiki u t-terminu għat-tweġiba tal-parti appellata. Dan l-artikolu mkien iżda ma jgħid li jekk l-appell isir kollettivament minn aktar minn persuna waħda, kull persuna trid tiġi ndikata b'isimha sħiħ u bin-numru tal-karta tal-identita` tagħha, kif pretiż mill-appellata.

13. F'dan il-każ meta żdiedet *'et'* wara l-ismijiet li jissemmew fir-rikors tal-appell, il-Qorti fehmet li sar hekk biex ikunu nklużi l-atturi kollha li fetħu l-kawża. Kien ikun differenti li kieku wara isem Mary Randich ma saritx korrezzjoni fil-ħin tal-preżentata tal-att biex l-atturi żiedu 'et'. Evidenti dan sar biex l-atturi kollha jkunu parti fir-rikors tal-appell. Madankollu jkun għaqli jekk fir-rikors tal-appell l-appellanti kollha jissemmew b'isimhom sabiex b'hekk ma jinħoloqx dubju dwar min mill-partijiet ikun qiegħed jappella.

14. Għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni li l-appell hu null.

15. Imiss issa li jiġi kkunsidrat l-appell tal-atturi fil-meritu li fih taqsimiet differenti: '*il-Validità tat-Testment'*; *'Il-Marka – Salib'*; *'Il-Preżenza tax-Xhieda'*; *'Favor Testamenti'*; *'Vjolenza Psichica'*; *'Biża Reverenzjali'*; *'Setgħa Jbiddel?'; 'Iż-żmien tal-Prova'*.

16. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ, il-Qorti tagħraf li l-premessi li l-atturi jġibu biex iwaqqgħu t-testment attakkat jintrabtu ma' żewġ xiljiet speċifiċi: l-ewwel waħda ġejja minn ċirkostanzi ta' mġiba tul medda ta' snin bejn it-testatur ħuhom u l-imħarrka, fil-qafas tar-relazzjoni (intima) li dawn kellhom bejniethom; filwaqt li t-tieni waħda ġejja minn ċirkostanzi marbuta ma' dakinhar li sar it-testment u kif sar. F' tal-ewwel, l-atturi jressqu xenarju ta' relazzjoni mibnija fuq sfruttament tat-testatur min-naħa tal-imħarrka li wasslitu biex tneżża' minn ġidu kollu u kellu saħansitra jagħmel tajjeb b'ġid ieħor tiegħu (jew jissellef minn fuq l-idejn b'rati użurarji) għall-kapriċċi li titwebbel bihom l-imħarrka, li ġabuh jgħix f'biżgħa l-ħin kollu u jagħmel dak li ma jridx. F' tat-tieni, l-atturi jisħqu li d-dikjarazzjoni tat-testatur fuq it-testment attakkat li huwa ma kienx jaf jikteb hija ħrafa mill-bidu sal-aħħar għaliex mhux minnu li t-testatur ma kienx jaf jikteb. F'dan ir-rigward, ressqu kopja tal-aħħar Karta tal-Identita' tiegħu li fiha tidher il-firma tiegħu;*
>
> *Illi l-prinċipji legali ewlenin li jirregolaw it-testmenti b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni f'din il-kawża huma dawn: (i) l-elementi li jsawru l-figuri ta' vjolenza u ta' qerq li huma kawża ta' vizzju tal-kunsens f'materja ta' kuntratti fil-parti tal-Kodiċi Ċivili li tirregola l-kuntratti jgħoddu wkoll għat-testmenti fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet apposta fil-parti tal-Kodiċi Ċivili li tirregola s-suċċessjoni b'testment; (ii) testment jitqies li jgħodd u li sar sewwa, u t-tħassir tiegħu jitqies ħaġa ferm serja. Sa minn żminijiet bikrija fl-oqsma tad-Dritt, it-testment kien jitqies bħala l-att l-iktar importanti li jwettaq il-missier tal-familja li permezz tiegħu kien jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu. Ir-rilevanza soċjali u legali kbira tat-testment wasslet lill-ġuristi Rumani biex isostnu li testament, anke jekk ma jkunx validu, irid jiġi kemm jista' jkun ikkonservat, billi huwa att negozjali li ma jistax jerġa' jsir, billi t-testatur ikun miet. Dan kien is-sies tal-prinċipju tal-favor testamenti li huwa wieħed mill-ewlenin fil-qasam tat-tifsir u t-tħaddim tat-testmenti bħala xhieda tal-aħħar rieda ta' min ikun għamilhom. Ingħad li kemm jista' jkun, it-testment kellu jiġi meqjus bħala validu, pjuttost milli null: potius ut valeat quam ut pereat. Għalhekk it-testatur għandu jitqies li għamel it-testment bir-rieda ħielsa tiegħu u b'hekk kwalunkwe allegazzjoni dwar is-siwi tat-testment titlob li tkun ippruvata b'mod xieraq minn min iqanqal id-dubju dwar is-siwi ta' dak l-att. Dan jaqbel ukoll mal-prinċipju kuntrattwali li l-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat. "Il dolo e la violenza non sono mai presunti e non s'inducono mai da vaghi sospetti, ma debbono essere rigorosamente provati";*
>
> *Illi, minbarra dan, (iii) f'kaz ta' żewġ verżjonijiet ta' provi li ma jkunux jaqblu f'xejn ma' xulxin, iżda li jistgħu jkunu plawsibbli jew possibbli, dan jiffavorixxi lill-verżjoni tal-parti mħarrka fuq is-saħħa tal-principju li*

*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fil-kawża li jkun fetaħ. Għalkemm il-grad ta' prova mistenni fil-kamp ċivili, b'differenza minn dak f'kawżi kriminali fejn il-liġi titlob li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta mingħajr dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Dan jissarraf f' ċertezza li hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet, u għalhekk sempliċi possibilita` mhux tajba biżżejjed biex tirradika r-responsabbilita` ċivili. Kemm hu hekk, huwa stabilit li, qabel kull ħaġa oħra, irid jiġi ippruvat li kien hemm vjolenza jew qerq magħmul minn dik il-persuna li qiegħda titqies bħala inkapaċi li tiret, jew li almenu xxierket ma' persuna oħra biex iseħħ tali vjolenza jew tali qerq. Mhux biss imma: minħabba n-natura odjuża ta' xilja bħal din, huwa stabilit ukoll li f'ħaġa bħal din il-provi għandhom ikunu ċari u konkludenti. Jekk dan ma jintlaħaqx, f'każ ta' dubju, dan għandu jmur ukoll favur il-parti mħarrka li kontra tagħha tkun infetħet azzjoni bħal din;*

*Illi regola oħra hi li (iv) il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġiegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira. Il-vjolenza tista' tkun fiżika kif ukoll morali. Il-biża' ta' qima lejn il-missier, jew axxendenti oħra, jew lejn ir-raġel, mhix biżżejjed biex tannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata. Mill-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jingħad li "La violenza si distingue dal timore reverenziale (metus reverentialis) che consiste nell'intenso rispetto che si nutre verso persone autorevoli, i genitori, ecc. Non v'e`azione intimidatrice di alcuno: il rispetto e` un sentimento dello stesso autore del negozio e rientra percio` nella sfera dei motivi psicologici che agiscono sul processo volitivo di ogni persona. Percio`, se la dichiarazione e` emessa per non riuscire sgraditi verso la persona autorevole o per non ricevere da essa rimproveri, il negozio non e` annullabile (art. 1437 cod.civ.)". Minbarra hekk, fil-każ ta' vjolenza li twassal għal tħassir ta' testment jingħad li "non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti sieno tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta`, o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare il testatore a fare quello che non avrebbe voluto";*

*Illi f'dan ir-rigward huwa miżmum ukoll li biex l-għemil qarrieq ikun mottiv ta' nullita` irid jintwera li l-qerq użat ikun tali li, mingħajru, it-testatur ma kienx jagħmel id-dispożizzjonijiet testamentarji li fil-fatt għamel. Il-fatt waħdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqgħod għax-xewqa ta' persuna oħra u biex jikkuntentaha ma tqiesx bħala biżżejjed biex jista' jingħad li tali testment huwa frott il-qerq. Għaliex biex l-impunjattiva tirnexxi jeħtieġ jirriżulta li r-rieda tat-testatur ġiet imdawra minħabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx għall-qerq li twettaq fuqu;*

*Illi xieraq jingħad ukoll li l-fatt waħdu li persuna terġa' taħsibha wara li tkun għamlet testment u turi x-xewqa li trid tibdel dak li għamlet ma*

*jfissirx b'daqshekk li dik il-persuna ma hijiex f'qagħda li turi fehma ġdida jew li dik il-fehma ġdida hija tabilfors ir-riżultat ta' pressjoni li jagħmel ħaddieħor fuqha;*

*Illi mbagħad, kif ingħad, hemm il-kwestjoni tal-grad tal-prova li jrid jintlaħaq biex iwassal għall-konvinċiment li, minn dak li jidher, il-mejjet kien tassew ġie mġiegħel jew imħajjar b'qerq biex jersaq ħalli jagħmel it-testment. Dawn il-provi riedu wkoll jintrabtu mal-waqt li kien qiegħed isir it-testment attakkat u mhux minn ċirkostanzi li jkunu dehru fi żminijiet oħrajn, qabel jew wara l-fatt;*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-testment attakkat sar minn persuna li ma kellhiex dipendenti u ma kenitx marbuta b'xi rabta ta' relazzjoni li, dak iż-żmien, kienet tnissel obbligi jew titfa' fuqu limitazzjonijiet dwar kif jirregola l-wirt tiegħu. Wieħed ma jridx jinsa li sakemm persuna għadha ħajja u kapaċi, għandha l-jedd li tagħmel b'ġidha kulma tħalliha tagħmel il-liġi. Il-fatt li persuna tintlaqat ħażin b'bidla f'testment, ma jfissirx li dak it-testment ikun sar taħt l-influwenza tal-qerq jew bil-kunsens vizzjat. Bħalma ċ-ċirkostanzi tal-ħajja jinbidlu mal-medda taż-żmien hekk ukoll ir-rieda tal-bniedem li, meta jara l-affarijiet kif tassew ikunu, jista' jisgħob bih b'li jkun għamel qabel u jerġa' jibdielu, jew jagħmel xi ħaġa biex tkun tirrifletti aktar dak li ġara wara. L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma tixhed vjolenza tal-kunsens;*

*Illi bosta mill-episodji li l-atturi ressqu bil-ħsieb li jsaħħu l-każ tagħhom ġraw snin wara li kien sar it-testment attakkat u ma setgħux għalhekk induċew jew ikkundizzjonaw lil Anthony Cumbo li jagħmlu. Li jista' jingħad hu li, minkejja li, skond uħud mill-atturi, Anthony Cumbo kien jilminta ma' ħutu mill-imġiba tal-imħarrka u jħossu mbeżżża' minnha, xorta waħda ma sab qatt ir-rieda li jħassar it-testment attakkat, kif kellu kull setgħa (u żmien biżżejjed) li jagħmel kieku ma riedx li dak it-testment attakkat jibqa' fis-seħħ. Il-Qorti ma għandhiex għaliex temmen li Cumbo ma kienx jaf li għamel testment jew li kollox sar minn wara dahru. Kienet tkun ta' għajnuna wkoll li kieku l-atturi (għaliex fuqhom kien jaqa' dan il-piż) ressqu kopji tal-kuntratti li saru fl-2001 u fis-snin ta' wara (fejn l-istess Anthony Cumbo kien deher fuq kuntratti pubbliċi ta' kostituzzjoni ta' debitu, f'każ minnhom saħansitra bħala kondebitur mal-imħarrka) biex minnhom wieħed seta' jara jekk Anthony Cumbo reġax tenna fuq dawk l-atti pubbliċi wkoll li ma kienx jaf jikteb. Għalkemm kif ingħad aktar qabel, l-atturi ressqu kopji ta' kitbiet li juru li Anthony Cumbo iffirma fuq dikjarazzjonijiet li saru żmien wara li kien sar it-testment attakkat;*

*Illi l-Qorti tqis li ċ-ċirkostanzi li ġraw minn wara d-data tat-testment attakkat u l-ħajja ta' Anthony Cumbo sa ma miet ma jixhdux ċirkostanzi ta' theddid fiż-żmien li sar l-istess testment, u l-atturi ma ressqux provi li juru b'xi mod li, fiż-żmien li sar l-istess testment attakkat, it-testatur kien jinsab taħt xi theddid mill-imħarrka jew minn xi ħadd imqabbad minnha;*

*Illi l-atturi jsostnu li Anthony Cumbo ġie mġiegħel mill-imħarrka biex jiktbilha ġidu kollu, u li ddikjara li ma jafx jikteb bħala sinjal li huwa ma riedx jagħmel dan. Biex isaħħu dan l-argument, iressqu tixbiha ma' każ ieħor fejn it-testatur kien iffalsifika l-firma tiegħu stess bil-ħsieb li t-testment jitwaqqa' minħabba f'hekk. Filwaqt li l-Qorti tifhem il-ħsieb tal-atturi, ma tistax ixxebbah dak il-każ ma' dak li sar fiċ-ċirkostanzi tat-testment attakkat;*

*Illi b'mod partikolari, l-atturi ma ressqu l-ebda prova diretta biex issejjes din il-konklużjoni. Tant hu hekk li f'paragrafu 4 tar-Rikors Maħluf, huma jippremettu li "jemmnu illi l-imsemmi Anthony Cumbo kien mhedded u mġiegħel bil-qerq biex jagħmel dan it-testment". Issa "twemmin" ifisser il-kunfidenza fil-verita` jew fl-eżistenza ta' xi ħaġa li ma tistax tiġi ppruvata permezz ta' prova rigoruża. L-atturi iżda jaraw diversi indizji ta' dan – il-karattru tal-attriċi, li tirrikatta, kif jirriżulta mill-inċident ta' Marsalforn; il-fatt li kemm dam magħha Anthony spiċċa ftaqar u anke jissellef il-flus; il-fatt li Anthony kien jgħid ma' ħutu (meta kienu għadhom jitkellmu) li jibża' mill-imħarrka. Dawn l-indizji iżda, skond it-tagħlim ġurisprudenzjali li ssemma qabel, ma jistgħu qatt iwasslu għal dak il-grad ta' prova univoka u konklussiva li t-testment sar minħabba vjolenza eżerċitata fuq it-testatur. L-atturi jsemmu wkoll iċ-ċirkostanza li l-imħarrka ħalfet li ma kinitx taf li Anthony Cumbo kien għamlilha t-testment, filwaqt li ommha xehdet li kienet marret ma' bintha għand nutar jew avukat biex sar it-testment. L-imħarrka iżda ikkonfermat li darba Anthony Cumbo kien offrielha li jinnominaha bħala l-werrieta tiegħu b'testment, iżda ma semmielha xejn iżjed wara. Hi x'inhi l-verita`, dak li hu rilevanti hu li ommha semmiet li kien Anthony Cumbo, minn jeddu, li offra li jagħmel testment. Ċertament dan mhux sinjal ta' vjolenza jew qerq. Għalkemm jirriżulta mill-kumpless tal-provi li l-konvenuta hija mara ta' rasha u tasal fejn trid u li kapaċi tqarraq, u li Anthony Cumbo kien jiddejjaq imur kontra r-rieda tagħha u anzi kien jagħmel minn kollox biex jikkuntentaha – fi kliem ieħor kellu biża' riverenzjali minnha – dan ma jfissirx li ġie mġiegħel jagħmel it-testment. Għalkemm l-atturi jsostnu li l-imħarrka kienet tuża' lil Anthony sempliċiment għall-flus, u għalkemm tabilħaqq jirriżulta li kien jagħtiha l-flus u li spiċċa anke jiddejjen, jirriżulta li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx waħda msejsa biss fuq il-flus; tant li damet anke wara li marad, u ntemmet biss meta miet. Meta marad hija ma telqitux għal riħu, anzi baqgħet iddur bih u tieħu ħsiebu, żgur iktar milli ħadu ħsiebu ħutu l-atturi. Anke fl-ipoteżi li l-imħarrka ġegħlitu jiddejjen, dan sar lejn l-aħħar ta' ħajtu, u żmien sewwa wara li kien sar it-testment attakkat;*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-fehmiet u tal-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jgħoddu f'każijiet bħal dan u ta' riżultanzi li joħorġu miċ-ċirkostanzi fattwali, il-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi ma seħħilhomx jippruvaw kif meħtieġ u fil-grad mistenni mil-liġi li Anthony Cumbo kien mhedded jew imġiegħel li jagħmel it-testment attakkat. Minħabba f'hekk, il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel talba attriċi;*

> *Illi dan ifisser li l-Qorti lanqas tista' tilqa' t-talbiet l-oħrajn, għaliex dawn jiddependu minn jekk tintlaqax l-ewwel waħda u huma neċessarjament konsegwenzjali għaliha;"*

*__Il-Validità tat-Testment.__*

17. L-atturi jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni l-punti legali u ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti u marbuta ma' kif it-testment ġie allegatament magħmul fil-15 ta' Jannar 2001, ċioè il-fatt li t-testatur kien jaf jiffirma ismu iżda fit-testment impunjat iddikjara li ma jafx. Isostnu li dan kellu jqanqal bżonn ta' investigazzjoni dwar jekk in-nutar kellhiex taċċetta tali dikjarazzjoni meta kellha quddiemha l-karta tal-identità tat-testatur fuq liema hemm il-firma tiegħu għaliex jista' jagħti l-każ li '*possibilment l-persuna li deher quddiem l-imsemmija ma kienx id-decujus u għalhekk ma "ffirmax" l-mejjet*. Dan ukoll in vista tal-fatt li fix-xhieda tagħha a fol. 144 in-nutar m'għarfitx it-testatur.

18. It-teżi tal-atturi li t-testment sar minn persuna oħra, saret għall-ewwel darba fir-rikors tal-appell. Quddiem l-Ewwel Qorti argumentaw li t-testatur iddikjara li ma jafx jikteb sabiex juri li t-testment sar kontra r-rieda tiegħu peress li kien mhedded u mġiegħel bil-qerq biex jagħmlu.[7]

19. Il-Qorti mhijiex ser toqgħod tispekula. In-Nutar Bisazza ma ftakret xejn dwar il-każ minħabba li li kienu għaddew għaxar snin minn meta sar

[7] Fol. 278

it-testment. Dan apparti li r-ritratt tat-testatur fuq il-kopja fotostatika tal-karta tal-identità li ntweriet ix-xhud (fol. 8), lanqas mhi ċara b'mod li l-persuna li tidher tista' tiġi identifikata. Għalhekk it-teżi tal-atturi baqgħet biss konġettura. Dan apparti li n-nutar għamlitha ċara li l-ewwel tidentifika lil min ikun hemm quddiemha permezz tal-karta tal-identita`.

20. Il-verżjoni l-oħra hija li t-testatur ġie mhedded u għalhekk ma ffirmax minkejja li kien kapaċi. F'dan ir-rigward huwa minnu li fuq il-karta tal-identita` ta' Anthony Cumbo hemm il-firma tiegħu (fol. 8) u hemm ukoll il-firma tiegħu fuq il-*Memorandum and Articles of Association* ta' John Cumbo Ltd a fol. 53 et seq. tal-proċess. Madankollu, mid-depożizzjoni tan-nutar hu evidenti li bbażat fuq id-dikjarazzjoni li għamlilha t-testatur ċioè li ma jafx jikteb. Il-fatt li t-testatur għamel dik id-dikjarazzjoni u l-fatt li l-karta tal-identità fiha l-firma tiegħu, mhijiex prova li tista' twassal qorti biex tikkonkludi li x'aktarx dak kien messaġġ li t-testatur għamel it-testment kontra l-volontà tiegħu. Dan aktar u aktar meta mill-provi prodotti jirriżulta illi:

20.1. skont l-attur stess t-testatur kien infatwat fuq il-konvenuta tant li kien jixtrilha kulma trid u jonfoq ġidu kollu fuqha;

20.2. Anthony Cumbo miet fl-2006, ħames snin wara li sar it-testment in kwistjoni u allura altru milli kellu biżżejjed żmien sabiex iħassar dak it-testment. Dan m'għamlux.

21. Hu għalhekk inverosimili li t-testatur ħalla lill-konvenuta eredi universali tiegħu għax kien imġiegħel jew mhedded.

<u>*Il-Marka – Salib.*</u>

22. L-appellanti jirreferu wkoll għall-Artikolu 634 tal-Kap. 12 u l-Artikolu 80(1) tal-Kap. 55 li jitkellmu fuq sinjali b'salib flok firem. Isostnu li, billi f'dan il-każ it-testment ma ġiex immarkat b'salib minflok il-firma tat-testatur, it-testment mhux validu.

23. L-appellata min-naħa l-oħra wieġbet li t-testment in kwistjoni jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 634(2) tal-Kap. 12.

24. Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-partijiet, l-Artikolu 634 tal-Kap. 12, li jistabbilixxi regoli dwar meta ssir prova fuq firem jew sinjali b'salib flok firem '*fuq karta*' / '*any paper*', m'għandu l-ebda applikazzjoni fil-kuntest odjern. Dwar ir-rekwiżiti essenzjali għall-finijiet ta' validità tat-testment japplika l-Artikolu 28 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55). Dan jipprovdi *inter alia* li kull att notarili għandu jkun fih il-firma tal-komparenti, u, jekk ikun hemm *fidem facientes*, jew

interpretu jew xhieda (Art. 28(1)(k). Il-paragrafu (v) tas-sub-artikolu (1) tiegħu jipprovdi mbagħad illi:

> *"jekk xi wieħed mill-komparenti jew xi wieħed mill-fidem facientes ma jafu jew ma jkunux jistgħu jiffirmaw, huma għandhom jiddikjaraw x'inhu li jkun iżommhom milli jiffirmaw, u n-nutar għandu jsemmi din id-dikjarazzjoni qabel ma l-att jiġi iffirmat."*

25. Billi tali dikjarazzjoni saret, ma jirriżulta l-ebda nuqqas fil-forma tat-testment li jista' jxejjen il-validità tiegħu.

*Il-Preżenza tax-Xhieda.*

26. L-atturi jsostnu illi meta wieħed jara d-depożizzjonijiet tax-xhieda fuq it-testment '*wieħed jifhem li kien hemm iktar minn dak li ngħad'.* Jallegaw li l-firma tagħhom '*setgħat saret dak il-ħin u ... setgħat saret ukoll iktar tard.'* Jippretendu li kieku dawn ix-xhieda kienu verament preżenti kellhom jiftakru '*xi ftit bih'.*

27. Ix-xhieda fuq it-testment ta' Anthony Cumbo kienu Raymond Desira u Claire Schembi. Tal-ewwel spjega li t-testment sar f'uffiċċju ta' ditta ta' avukati viċin il-post tax-xogħol tiegħu u li dik ma kinitx l-uniku okkażjoni fejn kien xhud[8]. Ix-xhud l-oħra qalet li hija kienet taħdem mad-ditta ta' avukati fejn sar it-testment u li kien parti minn xogħolha li toqgħod bħala xhud meta meħtieġ.[9] It-tnejn li huma xehdu li ma ftakrux il-każ

[8] Fol. 115 et seq
[9] Fol. 131

partikolari iżda, fuq domandi li sarulhom dwar jekk il-firem sarux malli nqara t-testment jew wara, huma kkonfermaw li *'b'mod normali jiġu ffirmati dak il-ħin kollha'*[10] u '*kien jinqara' quddiemi ... wara kont niffirma. Jigifieri l-ewwel jinqara kollox imbagħad l-aħħar ħaġa li konna nagħmlu niffirmaw'.*[11]

28. Hawnhekk ukoll, wara trapass ta' aktar minn għaxar snin, il-Qorti ma tistax tippretendi li x-xhieda kellhom bilfors jiftakru dan it-testment partikolari, aktar u aktar meta dik ma kinitx xi okkażjoni unika fejn assumew tali funzjoni.

<u>*Favor Testamenti.*</u>

29. L-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-prinċipju tal-*favor testmenti* f'dan il-każ. Dan għaliex skonthom it-testment huwa null *a priori.* Isostnu li l-prinċipju ta' *favor testmenti* japplika biss għall-finijiet ta' interpretazzjoni ta' testmenti '*fejn ikun hemm riżultat differenti wieħed utili jew inutili'* u mhux bħala mekkaniżmu ġeneriku ta' salvataġġ ta' testmenti nulli.

30. Kulma qalet l-ewwel Qorti dwar il-prinċipju ta' *favor testamenti* huwa illi għandu jitqies li t-testatur għamel it-testment bir-rieda ħielsa

[10] Fol. 125
[11] Fol. 132

tiegħu u b'hekk kwalunkwe allegazzjoni dwar is-siwi tat-testment titlob li tkun ippruvata b'mod xieraq minn min iqanqal id-dubju dwar is-siwi ta' dak l-att. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-atturi ma ressqux provi sodisfaċenti li x'aktarx li meta t-testatur għamel it-testment, kien mhedded mill-konvenuta jew minn xi ħadd imqabbad minnha. Għalhekk ċaħdet it-talba li t-testment hu null minħabba l-allegata vizzju tal-volontà tat-testatur. Għalhekk tibqa' tapplika l-preżunzjoni li t-testment hu validu.

*<u>Vjolenza Psikika.</u>*

31. Hawnhekk l-atturi jilmentaw dwar '*il-pożizzjoni li fiha sab ruħu id-decujus mal-intimata'* u jallegaw li mill-proċess jirriżultaw serje ta' inċidenti fejn il-konvenuta wżat il-mezzi possibbli biex id-*decujus* jispiċċa jħossu minaċċjat. Jallegaw li kienet hi li daħħlitu f'aġir kriminali u f'dejn kbir tant li spiċċa ssellef fuq l-idejn. Jakkużawha wkoll li ma ħaditx ħsiebu kif kien jixraq għal min huwa diabetiku kif kien hu.

32. It-testatur iltaqa' mal-konvenuta meta kellu madwar 35 sena. Ma saret l-ebda allegazzjoni u tant inqas prova li kellu xi limitazzjonijiet mentali jew debilità fiżika tali li tagħmlu persuna vulnerabbli. Ir-relazzjoni li beda mal-konvenuta kienet għażla tiegħu, u l-istess ir-reat kriminali li wettqu.

33. Aktar minn hekk, meta ltaqa' mal-konvenuta t-testatur kienet diġà ħarġitlu l-marda tad-diabete u għalhekk suppost kien diġà jaf x'inhu u mhux tajjeb għalih. Jekk kien abitwalment jixrob luminati u jiekol ikel mhux tajjeb għalih, dan għamlu għaliex ried.

34. Dwar il-flejjes li t-testatur allegatament nefaq u ssellef għall-konvenuta m'hemmx l-aħjar prova li dan sar, u jekk sar kien għamel hekk kontra l-volontà tiegħu.

35. It-testatur għamel madwar għaxar snin igħix għand il-konvenuta u kien hemm perjodi qosra li matulhom kellhom argumenti. Però fl-aħħar mill-aħħar baqgħu flimkien, u meta neħħewlu parti minn saqajh mar lura għandha u ħadet ħsiebu. Hu fatt li l-provi juru li f'dak iż-żmien it-testatur kien iddejjen. Dwar dejn l-atturi ressqu prova dokumentarja ta' żewġ noti għall-iskrizzjoni ta' ipoteka, waħda għal tletin elf ewro (€30,000) fejn il-konvenuta wkoll dehret bħala debitriċi u tat ipoteka ġenerali fuq ġidha (reġistrata fil-25 ta' Lulju 2002)[12] u l-oħra għal ħmistax-il elf ewro (€15,000) u d-debitur kien it-testatur (reġistrata fis-16 ta' Jannar 2006).[13] Però dak li qalu l-atturi dwar l-għan wara dak is-self baqgħet mhux ippruvata. F'kull każ, is-self sar wara t-testment tal-15 ta' Jannar 2001.

[12] Fol. 86
[13] Fol. 88

36. It-testment hu l-aħjar prova li t-testatur kien kuntent li jħalli ġidu lill-konvenuta. Rieda li ma jirriżultax li qatt inbidlet matul is-snin, tant hu hekk li t-testment tal-15 ta' Jannar 2001 ma nbidilx sakemm miet fl-20 ta' Jannar 2006.

37. Il-konklużjoni hi li m'hemmx provi li meta t-testatur għamel it-testment kien hemm xi vjolenza min-naħa tal-konvenuta jew li kieku ried ma setax jibdel it-testment meritu tal-kawża.

*Biża'.*

38. L-atturi qalu:

> *"jekk l-Qorti tikkonkludi li kien hemm elementi ta' biża ta' qima meta magħha jirriżultawlha iktar u ċioe theddid morali allura hija l-esponenti jissottomettu ta obbligu li wieħed jannulla ... kienet x' kienet ir-relazzjoni bejn id-decujus u l-imħarrka la darba nġiebet prova diretta u ċirkostanzjali ta' din l-intimidazzjoni morali, tal-għarfien da parti tal-imħarrka li d-decujus kien dipendenti fuqha l-kunsens kien vizzjat"*

39. Dan l-aggravju huwa mibni fuq suppożizzjonijiet. L-atturi ma kinux direttament involuti fir-relazzjoni bejn it-testatur u l-konvenuta. Jafu biss dak li qalu li qalilhom it-testatur u ħuhom Carmelo, li hu mejjet ukoll, f'perjodu ta' diżgwid mal-konvenuta. Ovvjament kienu qegħdin jisimgħu qanpiena waħda. Jibqa' l-fatt li t-testatur kien imur lura għand il-konvenuta. M'hemm l-ebda prova li tista' tikkonvinċi qorti li kien imur lura għandha għaliex kien x'aktarx li t-testatur kien verament mhedded u jibża'

mill-konvenuta. L-atturi jippretendu li kellhom biżżejjed tagħrif dwar x'kien għaddej. Però mistoqsija x'kien it-theddid, qalu li ma jafux.[14] Saħansitra l-attriċi Mary Randich mistoqsija jekk ħuha kellux għalfejn jibża' mill-konvenuta, wieġbet *"Hu jaf"*.[15] Josianne Dimech, attriċi oħra u neputija tat-testatur, mistoqsija jekk qattx kellmet lill-konvenuta dwar l-allegazzjonijiet, wieġbet fin-negattiv *"għax mhux business tiegħi"* u li mhux ser tindaħal fir-relazzjoni tagħhom.[16] Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, ħafna mill-allegazzjonijiet li saru fir-rigward tal-konvenuta ġraw wara li kien sar it-testment u *"..... ma setgħux għalhekk induċew jew ikkundizzjonaw lil Anthony Cumbo li jagħmlu"*.[17] Jibqa' l-fatt li t-testatur baqa' ma biddilx it-testment impunjat minkejja li l-atturi qalu li t-testatur kien jilmenta dwar l-imġieba tal-konvenuta.

*__Seta' Jbiddel it-testment?__*

40. L-atturi argumentaw li l-attur ma setax jibdel it-testment għaliex il-konvenuta kienet tinduna u kien jibża' minnha.

41. Mhux talli t-testatur ma biddilx it-testment, talli lanqas ma qal lil ħutu li kien għamel testment li bih ħalla lill-konvenuta bħala werrieta tiegħu. Kieku kien imdejjaq fuq hekk altru milli kien hemm biżżejjed żmien sabiex

[14] Eżempju ara fol. 157
[15] Fol. 156
[16] Fol. 207
[17] Fol. 10 tas-sentenza appellata

it-testatur igħid lil ħutu b'dak li għamel, partikolarment fil-perjodu li kien miġġieled minn mal-konvenuta u ma kienx qiegħed igħix magħha.

*<u>Iż-żmien tal-Prova.</u>*

42. L-atturi jargumentaw illi huma:

> *"bdew jingħataw ħjiel minn dak li kien għaddej minnu d-decujus sussegwentement u għalhekk ma kinux f'posizzjoni li jressqu provi kif mitluba mill-Qorti jew li jaġixxu għax id-decujus kien għadu ħaj pero dan waħdu ma jfissirx li ma kienx hemm kunsens vizzjat."*

43. Hawnhekk l-atturi qishom insew li l-allegazzjoni li l-kunsens tat-testatur kien vizzjat saret minnhom stess u għalhekk kien jinkombi fuqhom iressqu dik il-prova. Ladarba ma saritx prova sodisfaċenti li x'aktarx il-kunsens tat-testatur kien vizzjat, l-azzjoni tal-atturi ma setgħetx tirnexxi.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr